# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Jannar 2023**

**Talba Nru: 205/2022 JG**
**Numru fuq il-lista: 7**

**Standard Import and Export Company Limited [C 4085]**

**vs**

**Raise Fields Limited [C 38089]**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2022[1], permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallasha s-somma ta' tlett elef, ħames mija u tletin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€3,530.56ċ) rappreżentanti servizzi prestati u merkanzija mibjugħa u mhux imħallsa kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' mandat ippreżentat kontestwalment, ta' dawn il-proċeduri u l-imgħax;

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra li s-soċjetá konvenuta, għalkemm debitament notifikata[2] naqset milli tippreżenta risposta formali u li tirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri u b'hekk ġiet dikjarata li waqgħet fi stat ta' kontumaċja[3];

Sema' x-xhieda ta' Etienne Scicluna, Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u ra d-dokumenti annessi[4];

Sema x-xhieda ta' Johann Cuschieri[5];

Ra dak dikjarat waqt l-udjenza tal-14 ta' Novembru 2022 mid-difensur tas-soċjetá attriċi u ċioé li l-ammont (sorte) mertu ta' dawn il-proċeduri tħallas u li għalhekk dawn il-proċeduri għandhom jitkomplew biss fuq il-kwistjoni tal-ispejjeż u l-imgħax[6];

Ra n-nota tas-soċjetá attriċi fejn ġiet eżebita aktar dokumentazzjoni;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi mill-*iter* proċesswali hawn fuq magħmul jemerġi ċar li lis-soċjetá konvenuta f'dawn il-proċeduri kienet totalment karenti, u naqset milli ssegwi d-dettami ta' żewġ regoli

---

[2] *Vide* timbru *a tergo* ta' fol 14tal-proċess.

[3] Dan ġie hekk dikjarat fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2022.

[4] Magħmula waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru 2022. Xhieda relattiva tibda a fol 18 tal-proċess.

[5] Magħmula wkoll waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru 2022. Xhieda relattiva tibda a fol 19 tal-proċess.

[6] Fil-verbal li jinsab a fol 17 tal-proċess l-avukat tas-soċjetá attriċi ddikjarat hekk: "Dr Carbonaro qed tiddikjara, kif anke intqal illum mix-xhud, li l-ammont tal-mertu thallas u fadal biss il-kap tal-ispejjeż u l-imgħaxijiet." Ma saret l-ebda nota ai termini tal-artikolu 695 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara d-digriet fil-proċeduri **L-Avukat Dottor Richard Bernard bħala Mandatarju speċjali tal-assenti Jakub Tomasz Stechly vs Luma Holding Limited (Rik Maħluf Nru: 53/2020 CFS)** mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, per Onor. Imħallef Christian Falzon Scerri nhar il-15 ta' Lulju 2021.

kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal. B'hekk ġiet dikjarata bħala kontumaċi.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[7].

Illi kif diġa ġie senjalat peró, s-soċjetá attriċi f'dawn il-proċeduri m'għadhiex aktar titlob li jiġi deċiż il-mertu ta' din l-azzjoni, iżda fadal biss il-ħtieġa ta' deċiżjoni dwar l-ispejjeż mitluba fl-Avviż u l-imgħax relattiv.

Illi dwar l-ispejjeż, għandu jkun indiskuss li l-konsegwenza naturali (sakemm ma tingħatax raġuni valida) ta' xi ħlas jinkludi wkoll l-indennizz tal-ispejjeż ġudizzjarji li saru propju għal-irkupru tad-dejn oriġinali[8]. L-ispejjeż ġudizzjarji huma anċillari u aċċessorji. Huwa naturali li l-"ħlas" li sar permezz ta' ċedola tal-Bank of Valletta kien propju wara l-preżentata ta' din l-azzjoni. Wara kollox, is-soċjetá konvenuta stess, permezz ta' nota appożita, tat il-kunsens tagħha sabiex s-soċjetá attriċi tiżbanka l-ammont mitlub f'dawn il-proċeduri[9].B'hekk, il-ħlas ta' dawn il-proċeduri u dawk tal-mandat ta' sekwestru relattiv, għandhom jitħallsu mis-soċjetá konvenuta.

Illi jifdal biss il-kwistjoni tal-imgħax. Mix-xhieda u dokumenti eżebiti għal dan it-Tribunal, jirriżulta li l-ħlas li seħħ mis-soċjetá konvenuta ma kienx wieħed liberu jew

---

[7] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia,** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020. Wieħed huwa wkoll mistieden r-rakkolta ġurisprudenzjali (u dak hemm deċiż) magħmula fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Sharon Briffa et**, (Tlb Nru: 86/2020 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal (diversament presedut) nhar is-27 ta' Jannar 2022 (mhux appellata). Għal dak li jiswa, ssir referenza wkoll għas-sentenza ta' dan it-Tribunal kif presjedut fl-ismijiet **Montaldo Insurance Agency Limited *et* vs Leon Grech *et*,** (Talba Nru: 298/2021) mogħtija nhar it-28 ta' Ottubru 2022..

[8] Fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Fenech vs Joseph Cassar** (Citazzjoni Numru. 504/1997/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Marzu 2004 reġa ġie ribadit hekk: "*Hu principju pacifikament akkolt illi l-konvenut sokkombent li jirrikonoxxi li ghandu jaghti, u fil-fatt jghaddi wkoll ghall-hlas, ma jistax jigi mehlus mill-hlas ta' l-ispejjez jekk ma jkunx hemm xi raguni in kuntrarju (Kollez. Vol. XLI P I p612);*"

[9] Nota relattiva tinsab a fol 24 tal-proċess.

spontanja, iżda kien wieħed sfurzat wara l-mandat ta' sekwestru relattiv. Lanqas jista jingħad b'hekk liċ-ċedola li finalment ġiet żbankata għandha minnha l-effetti li jridu l-artikoli 1173 u 1174 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Bl-istess mod, ma jistax jingħad lis-soċjetá konvenuta mxiet bil-proċedura kontemplata fl-artikolu 943 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi li kieku s-soċjetá konvenuta riedet teħles mill-obbligu tagħha li tħallas l-imgħax, hija kellha, b'mod liberu, tiddepożita l-ammont mitlub permezz ta' ċedola appożita. Iċ-ċedola li saret (minn terz u ċioé il-Bank of Valletta) wara l-preżentata ta' mandat ta' sekwestru appożitu ma waqqafx d-dekorriment tal-imgħax fuq l-ammont mitlub[10]. Naturalment, l-imgħax għandu jiġi kkalkulat sad-data tal-iżbank mis-soċjetá attriċi u ċioé sal-31 ta' Ottubru 2022[11].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi fil-waqt li jastjeni milli jqis aktar il-mertu tal-istess, jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, dawk tal-mandat ta' sekwestru msemmi fl-Avviż tat-Talba u l-imgħax mid-data ta' kull fattura[12] sal-31 ta' Ottubru 2022.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[10] Dwar dan isir riferiment sa fejn huwa hekk applikabbli għas-sentenza fl-ismijiet **Xlendi Management Ltd vs Scicluna Enterprises (Gozo) Limited**, (App Ċiv Nru: 4/2017) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2020.
[11] Dan kif konfermat mid-dokument li jinsab a fol 25 tal-proċess, ippreżentat minn Etienne Scicluna.
[12] Dan minħabba l-fatt li għal dan it-Tribunal huwa ovvju lir-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet waħda kummerċjali.